**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 69/16 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa ta' Jannar elfejn u wiehed (05.01.2001) skont certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A, mil-liema zwieg twieled minuri wild ;
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Jeancarl Debono nhar is-sbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (17.11.2015) ;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza ;
4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skont il-ligi ;

Talab in vista tar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tal-5 ta' Jannar 2001 li gie ccelebrat bejn il-partijiet, huwa null u bla effett skont il-ligi;
2. Tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet : fol. 9

1. Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel zewg paragrafi tar-rikors guramentat;

2. Illi l-esponenti madanakollu ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet fil-paragrafi l-ohra u dan l-ghaliex hija tikkontendi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-partijiet, m'huwiex null;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk fil-mori tal-kawza ser jirrizulta li z-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett, l-ghaliex kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anamolija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dan certament huwa unikament attribwibbli lill-attur;

Ghaldaqstant l-esponenti qed topponi ghat-talbiet kif impustati fir-rikors guramentat u qed topponi wkoll ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attur u l-konvenuta, li ġie kkontrattat fil-5 ta' Jannar 2001, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[1].

PROVI

L-attur jallega li meta żżewweġ ma kienx jaf xi tfisser relazzjoni ta' mħabba, u li għalih relazzjoni kienet tfisser biss is-sess. Psikoloġikament ma kienx kapaċi jidħol għaż-żwieġ – f'moħħu kellu biss is-sess u ma kellux kontroll fuq l-impulsi sesswali tiegħu.

[1] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

Huwa xehed[2] estensivament dwar l-addizzjoni tiegħu għall-pornografija li trawmet fih minn meta kien żgħir. Jispjega kif huwa trabba f'ambjent fejn missieru kien jitratta lil ommu bħala oġġett sesswali u kien jisma l-argumenti tagħhom meta ma kienux jagħmlu s-sess, stante li missieru kien jippretendih ta' kuljum.

Missieru kellu kollezzjoni estensiva ta' oġġetti pornografiċi li kien iżomm fil-gwardarobba u li kienu faċilment aċċessibbli għall-attur u għal ħutu. Mill-eta` ta' tnax-il sena huwa kien jara dan il-materjal u joqgħod jimmasturba. Il-kollezzjoni ta' missieru kienet tikkonsisti f'films, magazines u kotba b'kull tip ta' pornografija bħal sess omosesswali bejn in-nisa, sess iktar vjolenti u sess mal-annimali. Fl-istess gwardarobba kien hemm ukoll *sex toys* li kienu jużaw ommu u missieru.

Billi kienu jgħixu f'dar żgħira kien jisma' lil ommu u missieru fl-atti sesswali tagħhom u ġieli ra lil ommu għarwiena għaddejja lejn il-kamra tal-banju.

Missieru kien moħħu biss fis-sess u lill-attur riedu bħalu. Minkejja li l-attur kellu l-passatemp li jonsob l-għasafar, missieru kien jgħajru billi jgħidlu *"moħħok fir-rix flok fis-suf, aħjar issib tifla u toqgħod tilgħab magħha"*. Meta beda jaħdem ma' missieru fil-gypsum kien jissuspetta li kien jiskappa u ma jkunx lejali lejn ommu, oltre li kien il-ħin kollu jitkellem fuq in-nisa, u kull darba li tgħaddi mara sabiħa kien joqgħod jgħidlu fid-dettall xi xtaq jagħmlilha.

Din it-trobbija affettwat ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta li ltaqa' magħha meta huwa kellu sbatax-il sena, filwaqt li hija kellha biss erbatax-il sena. Fost l-ewwel rigali li kien taha, kien hemm *sex toy* u din għalih kienet xi ħaġa normali. Sa mill-

[2] Affidavit fol. 15

għerusija kienu jagħmlu s-sess ħames darbiet fil-ġimgħa u għalih ir-relazzjoni kienet tfisser biss ir-relazzjoni fiżika. Dak li kien jara fil-pornografija, ried jipprattikah mal-għarusa tiegħu.

Iż-żwieġ daħal għalih sabiex ikollu persuna biex jorqod magħha. Fiż-żwieġ, is-sess kellu jkun xi ħaġa ta' kuljum, xi drabi darbtejn u anke tlieta fil-weekends. Kien irid lil martu tara l-pornografija miegħu u ġieli anke taha DVDs sħaħ, biex imbagħad huma jagħmlu l-istess. Kien iħobb idaħħal oġġetti sesswali magħhom u kull xahar kien jixtri rigal lil martu bħal *sex toy*, lingerie jew DVD pornografiku.

Fis-sena 2004 jew 2005 beda jitlob lil martu biex idaħħlu raġel ieħor fis-sess magħhom biex b'hekk ikollhom *threesome*. Il-konvenuta għall-ewwel opponiet iżda mbagħad għażlet li tikkuntentih. Fil-fatt, beda jdaħħal magħhom regolarment kemm lil ċertu D jew lil ċertu E. Is-*sex toys* saru iktar *hardcore* u s-sodda kellhom il-manetti marbutin magħha u kienu jużawhom ta' spiss, lanqas ineħħuhom. Kellu wkoll tarjola mas-saqaf tal-kamra li kien juża biex idendel lill-konvenuta magħha.

Jispjega li martu kienet tgħidlu regolarment li kellu bżonn l-għajnuna psikoloġika minħabba l-ossessjoni tiegħu fuq is-sess u li dejjem irid jivvinta xi ħaġa ġdida. Pero` hu ma kienx jagħti kasha għax għalih kollox kien normali.

Meta fl-2015, il-partijiet kienu sseparaw, kien sab ruħu ma' xi ħamsin *sex toy* li kollha kien tahom lil martu bħala rigali kemm fiż-żwieġ u wkoll qabel.

Dak li l-attur xehed dwar it-trobbija tiegħu, huwa kkorraborat u kkonfermat mix-xiehda ta' ommu X B[3] u wkoll ta' ħuh F B[4]. Ħuh

---

[3] Affidavit fol. 19
[4] Affidavit fol. 20

fil-fatt jispjega li l-pornografija għalihom kienet xi ħaġa komuni u kull ma ridt tagħmel kien li tagħmel play fuq il-video casette u ssib il-pornografija. Missierhom kellu mat-300 video minn dawn. Id-dar kienet mimlija posters ta' nisa għarwenin, tazzi bil-figuri ta' nisa u sett pitturi ta' nisa għarwenin, provokanti u erotiċi. Omm l-attur tispjega li l-pornografija kienet il-ħin kollu għaddejja d-dar, meta jkun hemm żewġha, li xejn ma kien jipprova jaħbi minn uliedu. Jekk jidħlu fuqu fil-kamra tiegħu ma kienx jitfi dak li jkun qed jara. Hija tikkonferma li A kien jassorbi dak kollu li jkun qiegħed jiġri.

Ġie ppreżentat ukoll rapport redatt mill-psikologa Mariella Blackman li kienet it-terapista tal-attur għal madwar sena u nofs. Oltre li kkonfermat il-problema tal-attur, hija żvelat ukoll illi l-attur ta' madwar sitt snin kien ġie abbużat mill-kuġin tiegħu. Spjegat illi l-koppja B kienet fittxet l-għajnuna tagħha, meta l-attur beda jġiegħel lil martu biex tmur ma' raġel ieħor fis-sodda matrimonjali tagħhom, għall-pjaċir tal-attur innifsu. Il-konvenuta kienet aċċettat li tagħmel dan sabiex tikkuntenta lil żewġha li saħansitra kien offrielha l-flus biex tagħmel kif qalilha. Fil-fehma tagħha *"Dawn il-problemi kollha, speċjalment il-fatt li s-sess kien xi ħaġa ċentrali fil-ħajja ta' A minn mindu kien żgħir, irrendew lil A persuna fejn għalih li jistenna xi ħaġa bħal ma ried minn martu, kienet xi ħaġa "normali" – din in-"normalita psikoloġika" (skond l-esperjenza ta' A) irrenditu <u>mhux</u> <u>kapaċi</u> jżomm il-fedelta` fiż-żwieġ – li hija xi ħaġa mportanti ħafna fiż-żwieġ...L-aspettativa ta' A B fiż-żwieġ minn martu jġib <u>dubju serju</u> ta' ġudizzju fuq iż-żwieġ u rigward il-kapaċita` mentali psikoloġika ta' A B li jassumi d-doveri tiegħu fiż-żwieġ ibbażat fuq relazzjoni ta' fiduċja bejn raġel u mara waħda f'relazzjoni ta' fedelta` reċiproka."*

Il-konvenuta ma taqbilx li ż-żwieġ ikkuntrattat mill-partijiet huwa null. Hija tikkontendi li l-ħajja konjugali tal-partijiet kienet għal kollox normali għall-ewwel erba' snin  u dan sakemm iben il-

partijiet għalaq sena. Kien f'dak iż-żmien biss u qatt qabel li l-attur beda jistaqsi għal affarijiet insoliti fl-intimita` ta' bejniethom. Mhux ikkontestat li l-attur kien iġiegħel lill-konvenuta tagħmel atti intimi anke ma' raġel ieħor, b'rikatti emottivi, inkluż li kien joqgħod jibkilha. Lanqas m'huwa ikkontestat li kien jorbotha waqt l-att taż-żwieġ, u anke li jużaw sex toys. Pero` l-konvenuta tgħid li dan kien biss wara li binhom għalaq sena u qatt qabel.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipula:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet

u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[5]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si*

[5] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

*dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[6]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[7]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [8]

---

[6] Bersini Francesco*,* Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[7] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[8] Bersini Francesco*,* Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[9]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbilit dan l-aspett legali tal-kunċett tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova, sal-grad li trid il-liġi li fil-mument tal-għoti tal-kunsens huwa kien afflitt minn anomalija psikoloġika serja li għamlitha mpossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ; Minkejja li l-konvenuta ssostni li kien biss wara 4 snin taż-żwieġ li l-attur beda jitlobha illi jdaħħlu persuna oħra bejniethom fis-sess, jirriżulta li kien hemm ċertu żvilupp gradwali (build up) fl-ossessjoni tal-attur dwar is-sess, li bdiet saħansitra minn ċkunitu. Stante l-familja li trabba fiha, ir-riduzzjoni tal-figura femminili bħala oġġett sesswali kienet għalih ħaġa normali, tant li meta żżewweġ lill-

[9] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

konvenuta huwa ma rahiex bħala sieħba għal ħajtu u omm uliedhom, iżda ra fiha bħala mezz kif jaqta' l-kilba sesswali kbira li kellu. Safa bħal missieru, jitlob minnha pjaċiri sesswali sakemm wasal biex ħonoqha bħala mara tant li *"bdejt numbrah li imbagħad f'daqqa waħda ridt naħrab u ma ridtx naf b'xejn iktar."*

Fil-fehma tal-Qorti, fil-mument li l-partijiet taw il-kunsens din l-anomalija psikoloġika kienet diġa eżistenti fil-persuna tal-attur u kompliet kibret matul iż-żwieġ għal dimensjoni eżorbitanti tant li sa erba' snin wara ż-żwieġ beda jitlob lil martu ikollha relazzjonijiet ma' raġel ieħor fil-preżenza tiegħu, għall-gratifikazzjoni sesswali tal-attur innifsu. Inoltre, il-psikologa kuranti tal-attur, ma kellhiex eżitazzjoni li torbot il-problemi matrimonjali tal-partijiet li kienu qed jiġu kkawżati mill-attur, mat-trobbija xejn xierqa li kien ingħata minn missieru, li huwa deskritt mill-attur bħala *sex maniac*. Hawnhekk si tratta ta' kondizzjoni psikoloġika li tnisslet fl-attur minn ċkunitu u anke jekk il-konvenuta ssostni li l-affarijiet skalaw wara erba' snin taż-żwieġ, m'hemmx dubju li kienet preżenti fil-mument tal-għoti tal-kunsens. Il-fatt li l-konvenuta tiddiskrevih bi kliem bħal *"jitkarrabbli"* u *"jibkili"* juri l-estrem tal-kondizzjoni tal-attur. Din ma kinitx xi kundizzjoni leġġera u ta' ftit żmien imma kondizzjoni li rabbiet sewwa l-għeruq fih u ddominatu, tant li ma setax jonora l-obbligi matrimonjali tiegħu u ħtieġlu jfittex l-għajnuna professjonali biex seta' joħroġ minnha.

Illi l-Qorti, in vista tas-suespost, hija tal-fehma li l-attur ma kellux il-ħelsien psikoloġiku fil-mument tal-kunsens li huwa neċessarju u suffiċjenti biex jassigura il-poter bażiku tal-għażla. L-attur ma setax jagħmel apprezzament tat-tifsira tal-ħajja miżżewġa iżda kien moħħu biss fl-aspett fiżiku tar-relazzjoni tal-koppja li inoltre *"ma kienx sess ta' imħabba, imma avventura fejn dejjem ridt xi ħaġa ġdida."*

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fil-5 ta' Jannar 2001 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż jiġu ssopportati interament mill-attur.